# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.4

**Kap 5: Ġesù Jitwieled Bħalna**

**Lezzjoni 5.4: L-Avvent**

**L-Għanijiet:**




It-tfal:

1. Jifhmu xi jfisser l-Avvent.

2. Jitgħallmu li huwa żmien ta' preparazzjoni għall-Milied.

3. Jiġu konxji tas-sinifikat tal-girlanda.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Preżentazzjoni fuq l-Avvent;
- Il-Karta ta' Taħriġ 5.3;
- Xemgħat u girlanda;
- vidjow tad-diska 'Come Lord Jesus'
- Il-krafts tal-girlanda.

**Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu**

- Staqsi lit-tfal jekk jiftakrux il-Knisja x'issejjaħ iż-żmien ta' tħejjija għall-festa tal-Milied.
- Ikteb il-kelma 'L-Avvent' fuq il-wajtbord u staqsi lit-tfal x'jaħsbu li tfisser.
- Oħroġ ħsibijiet mingħand it-tfal dwar kif jaħsbu li l-Knisja tħejji għal dan iż-żmien: x'kulur jilbes il-qassis, x'kant jitkanta eċċ.



**Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)**

- Uri lit-tfal il-preżentazzjoni dwar l-Avvent.
- Spjega li l-kelma 'Avvent' tfisser miġja u aħna bħalissa qed nistennew il-miġja ta' Ġesù tarbija.
- Għid lit-tfal li l-Knisja f'dan iż-żmien tarma l-girlanda u spjega li din ikun fiha erba' xemgħat għax l-Avvent ikun twil erba' ġimgħat.
- Staqsi lit-tfal x'jaħsbu li jfissru dawn ix-xemgħat u spjega li ma' kull xemgħa li tinxtegħel inkunu qed noqorbu lejn il-festa tal-Milied.
- Flimkien mat-tfal arma girlanda u poġġiha f'post prominenti fil-klassi.

- Stieden lit-tfal jifthu l-Ktieb tal-Attivtajiet 5.3 u bħala klassi għinhom jimlew il-kliem fis-sentenza t-tajba u wara jniżżlu l-kliem fil-*puzzle*. Importanti li jiġu mgħejjuna biex kulħadd jispiċċa fis-sentenzi u *puzzle* tajba.
- Aqra Attività 2 u għin lit-tfal jiktbu fuq ix-xemgħat kif jistgħu jferrħu lill-oħrajn u wara jpinġu x-xemgħat vjola.
- Iddiskuti Attività Sam u Tara u enfasizza kemm hu sew li nippreparaw ruħna tajjeb għall-festa tal-Milied.
- Oħloq rabta mal-lezzjoni li jmiss: Staqsi lit-tfal kif qed iħossuhom huma u jippreparaw għal din il-festa. Staqsihom: Kif taħsbu li ħassewhom Marija u Ġużeppi meta beda joqrob it-twelid ta' Ġesù?

**Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)**



1. Il-kelma 'Avvent' tfisser miġja.
2. Fil-knisja tintrama girlanda b'erba xemgħat.
3. Ma' kull xemgħa li tinxtegħel inkunu qed noqorbu lejn il-festa tat-twelid ta' Ġesù.

**Nagħżlu flimkien (L-attitudni)**



Aktar ma jgħaddi ż-żmien u toqrob il-ġurnata tal-Milied, it-tfal aktar iħossuhom qrib ta' Ġesù. Għalhekk ikellmuh aktar bil-qalb.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Ikkonkludi l-lezzjoni bil-vidjow tal-kanzunetta 'Come Lord Jesus' u ħeġġeġ lit-tfal biex ikantaw.



**Nitolbu**

O Ġesù, f'dan iż-żmien tal-Avvent għinni inkun aktar qrib tiegħek.

